Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
BOT
ippreżentati fit-12 ta' Novembru 2015 [1]

**Kawża C-453/14**

**Vorarlberger Gebietskrankenkasse,
Alfred Knauer**

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Verwaltungsgerichtshof (qorti amministrattiva, l-Awstrija)]

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Sigurtà soċjali — Regolament (KE) Nru 883/2004 — Artikolu 5 — Prinċipju ta' assimilazzjoni — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tinkludi fil-bażi tal-kontribuzzjonijiet ta' assigurazzjoni għall-mard il-pensjonijiet tax-xjuħija rċevuti fi Stati Membri oħrajn tal-Unjoni jew taż-ŻEE — Kunċett ta' 'benefiċċji ekwivalenti'"

## I – **Introduzzjoni**

1. Ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali [2], introduċa, fid-dritt tal-Unjoni, il-prinċipju ta' assimilazzjoni ta' benefiċċji, ta' dħul, ta' fatti jew ta' avvenimenti.

2. Skont l-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 883/2004:

"Sakemm dan ir-Regolament ma jgħidx mod ieħor, u fid-dawl tad-disposizzjonijiet speċjali ta' implimentazzjoni stabbiliti, għandu japplika dan li ġej:

a) meta, taħt il-leġislazzjoni ta' l-Istat Membru kompetenti, ir-riċeviment ta' benefiċċji tas-sigurtà soċjali u ta' dħul ieħor joħloq ċerti effetti legali, id-disposizzjonijiet rilevanti ta' dik il-leġislazzjoni għandhom japplikaw ukoll għar-riċeviment ta' benefiċċji ekwivalenti miksuba taħt il-leġislazzjoni ta' Stat Membru ieħor u għal dħul miksub fi Stat Membru ieħor;

b) meta, taħt il-leġislazzjoni ta' l-Istat Membru kompetenti, jkunu attribwiti ċerti effetti legali meta jseħħu ċerti fatti jew każijiet [avvenimenti], dak l-Istat Membru għandu jqis fatti u każijiet simili li jseħħu fi kwalunkwe Stat Membru bħallikieku seħħew fit-territorju tiegħu."

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 72.

3. Din id-dispożizzjoni ġdida tipprekludi, meta pensjonant li joqgħod fi Stat Membru jirċievi mhux biss pensjoni ta' dak l-Istat, imma wkoll pensjoni mħallsa minn skema ta' pensjoni ta' Stat Membru ieħor tal-Unjoni jew taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE)[3], li l-Istat Membru ta' residenza jinkludi fil-bażi tal-kontribuzzjonijiet ta' assigurazzjoni għall-mard il-pensjoni mħallsa mill-Istat l-ieħor?

4. Din hija, essenzjalment, il-kwistjoni li tqum f'din il-kawża li ssib l-għeruq tagħha fid-deċiżjoni tal-Vorarlberger Gebietskrankenkasse (fond reġjonali għall-mard għal-Land ta' Vorarlberg)[4] li jġiegħel lil A. Knauer u R. Mathis li jħallsu kontribuzzjonijiet tal-assigurazzjoni għall-mard fuq il-pensjonijiet li jirċievu minħabba s-sħubija tagħhom fl-iskema ta' pensjoni professjonali ta' Liechtenstein.

5. Il-fatti li taw bidu għal dan il-każ huma speċifikament dawn li ġejjin.

6. A. Knauer u R. Mathis, li joqogħdu l-Awstrija, jirċievu pensjoni tal-irtirar Awstrijaka li minnha jitnaqqsu kontribuzzjonijiet skont l-iskema ta' assigurazzjoni għall-mard bis-saħħa tal-liġi ġenerali dwar is-sigurtà soċjali (Allgemeines Sozialversicherungsgesetz)[5].

7. Billi huma kienu eżerċitaw ukoll l-attività professjonali tagħhom fl-Isvizzera u fil-Liechtenstein, huma jirċievu wkoll pensjonijiet tax-xjuħija mħallsin mill-Fond tal-Pensjoni Hilti tal-iskema tal-pensjoni professjonali tal-Liechtenstein, irregolata mil-liġi dwar l-iskema ta' pensjoni professjonali (Gesetz über die betriebliche Personalvorsorge), tal-20 ta' Ottubru 1987[6].

8. Issa, għalkemm sal-2010, il-kontribuzzjonijiet għall-iskema Awstrijaka tal-assigurazzjoni għall-mard ma kinux dovuti ħlief fuq il-pensjonijiet nazzjonali, il-leġiżlatur Awstrijak introduċa, waqt l-adozzjoni tat-tieni liġi ta' emenda tal-iskema tas-sigurtà soċjali tal-2010 (2. Sozialversicherungs-Änderungsgesetz 2010)[7], fl-ASVG, l-Artikolu ġdid 73a, fejn il-paragrafu 1 jistabbilixxi li l-benefiċjarju ta' pensjoni barranija li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 883/2004 għandu, jekk ikollu dritt għal benefiċċji tal-assigurazzjoni għall-mard, iħallas kontribuzzjonijiet lill-iskema tal-assigurazzjoni għall-mard għal din il-pensjoni barranija wkoll.

9. Skont din id-dispożizzjoni, il-Fond, sa mis-sena 2011, irrikjeda mingħand A. Knauer u R. Mathis il-ħlas ta' kontribuzzjonijiet tal-assigurazzjoni għall-mard għal pensjonijiet imħallsin mill-fond ta' pensjoni Hilti.

10. Permezz ta' żewġ deċiżjonijiet tal-10 ta' Diċembru 2013, il-Ministru-President ta' Vorarlberg (Landeshauptmann von Vorarlberg) naqqas l-ammont ta' dawn il-kontribuzzjonijiet għar-raġuni li parti waħda biss tal-iskema ta' pensjoni professjonali, jiġifieri dik li tikkorrispondi għall-benefiċċji legali minimi, taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 883/2004 u għalhekk taqa' taħt l-obbligu ta' kontribuzzjoni stabbilit fl-Artikolu 73a tal-ASVG. Għall-kuntrarju, il-parti komplementari li tikkorrispondi għall-benefiċċji iktar ġenerużi milli l-benefiċċji minimi ma taqax f'dan il-kamp ta' applikazzjoni, l-istess bħall-parti tal-iskema ta' pensjoni professjonali li tikkorrispondi mal-benefiċċji mħallsin skont il-kontribuzzjonijiet imħallsin qabel id-dħul fis-seħħ tal-BPVG, jiġifieri qabel l-1 ta' Jannar 1989.

3 — Regolament Nru 883/2004 u r-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Settembru 2009, li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament Nru 883/2004 (ĠU L 284, p. 1), japplikaw għaż-ŻEE kollha bis-saħħa tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 76/2011, tal-1 ta' Lulju 2011, li temenda l-Anness VI (Sigurtà Soċjali) u l-Protokoll 37 għall-Ftehim taż-ŻEE (ĠU L 262, p. 33).

4 — Iktar 'il quddiem il-"Fond".

5 — BGBl. 189/1955, fil-verżjoni tagħha applikabbli fid-data tal-fatti inkwistjoni fil-proċeduri prinċipali (iktar 'il quddiem l-"ASVG").

6 — LGBl. 1988, Nru 12, iktar 'il quddiem il-"BPVG".

7 — BGBl. I, 102/2010.

11. Il-Fond ippreżenta rikors għal "Reviżjoni" quddiem il-Verwaltungsgerichtshof (qorti amministrattiva) kontra dawn iż-żewġ deċiżjonijiet, fejn sostna li l-kontribuzzjonijiet huma dovuti fuq il-pensjonijiet sħaħ imħallsin mill-fond ta' pensjoni Hilti, filwaqt li A. Knauer ippreżenta rikors kontra d-deċiżjoni li tirrigwardah u allega, bil-maqlub, li l-ebda kontribuzzjoni ma hija dovuta fuq dawn il-pensjonijiet.

12. Skont il-qorti tar-rinviju, l-ekwivalenza fis-sens tal-Artikolu 5(a) tar-Regolament Nru 883/2004 għandha tiġi evalwata fid-dawl tal-karatteristiċi strutturali tal-iskemi ta' pensjoni meħudin globalment. Skont dik il-qorti, paragun tal-kundizzjonijiet legali tal-għoti tal-pensjonijiet tax-xjuħija li jaqgħu taħt l-ASVG flimkien ma' dawk ta' pensjonijiet irregolati mill-BPVG jidher li jindika li dawk huma benefiċċji ekwivalenti.

13. F'dan il-każ, fir-rigward tal-iskema ta' pensjonijiet Awstrijaka, il-qorti tar-rinviju tispjega li l-assigurazzjoni tal-pensjoni, li tipproteġi lill-assigurati, b'mod partikolari, kontra r-riskji marbutin mal-età, għandha l-għan li tippermetti lill-assigurat li jżomm il-livell ta' għajxien abitwali tiegħu b'mod xieraq. Sabiex ikollu dritt għal pensjoni tax-xjuħija, l-assigurat għandu mhux biss ikun għalaq l-età legali tal-pensjoni, imma wkoll ikun issodisfa ċertu numru ta' perijodi ta' assigurazzjoni. Bħala prinċipju, huwa msieħeb f'assigurazzjoni obbligatorja kull ħaddiem impjegat ma' persuna li timpjega ħlief għal limitu ta' remunerazzjoni negliġibbli. L-imseħbin fl-assigurazzjoni tal-pensjoni obbligatorja li jixtiequ jibbenefikaw minn suppliment ta' pensjoni fir-rigward tal-pensjoni li għaliha huma normalment ikollhom dritt għandhom il-fakultà li jassiguraw ruħhom liberament b'mod komplementari filwaqt li jħallsu kontribuzzjonijiet li għall-ammont annwali tagħhom hemm limitu massimu. Il-kontribuzzjonijiet imħallsin huma użati direttament għall-finanzjament tal-benefiċċji (skema ta' tqassim) u l-ġestjoni tal-assigurazzjoni tal-pensjoni tiġi pprovduta mill-kumpanniji tal-assigurazzjoni kkostitwiti minn entitajiet awtoamministrati sovrani.

14. Għal dak li jirrigwarda s-sistema ta' rtirar tal-Liechtenstein, il-qorti tar-rinviju tispjega li għandha l-istruttura ta' tliet pilastri, l-ewwel wieħed huwa kkostitwit mill-iskema kontributorja tal-assigurazzjoni tax-xjuħija u tas-superstiti, it-tieni wieħed jikkorrispondi għall-iskemi ta' pensjoni professjonali u t-tielet wieħed jgħaqqad l-assigurazzjonijiet komplementari sottoskritti privatament.

15. L-iskema ta' pensjoni professjonali rregolata mill-BPVG hija skema ta' kapitalizzazzjoni, bħala prinċipju obbligatorja, li għandha bħala għan, flimkien mal-assigurazzjoni tax-xjuħija u tas-superstiti, li tippermetti lill-assigurat li jżomm il-livell ta' għajxien abitwali tiegħu b'mod xieraq. Bħala prinċipju, l-implementazzjoni tagħha taqa' fuq korp ta' previdenza soċjali li l-liġi tħallilu ċertu latitudni, b'mod partikolari fl-organizzazzjoni tiegħu kif ukoll fil-ġestjoni u fl-iffinanzjar tal-benefiċċji li jiżgura. Għalhekk jista' jew jikkuntenta li jassigura l-benefiċċji legali minimi jew jassigura ċerti benefiċċji iktar ġenerużi. Din l-iskema ta' pensjoni professjonali fil-biċċa l-kbira ma titħalliex għall-inizjattiva proprja u lanqas għar-rieda ta' ġestjoni tal-persuni kkonċernati mir-riskji tal-età.

16. Il-BPVG ġiet innotifikata mill-Prinċipat tal-Liechtenstein, skont l-Artikolu 9(1) tar-Regolament Nru 883/2004, bħala li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* ta' dak ir-regolament.

17. Il-qorti tar-rinviju tikkunsidra li l-pensjonijiet li huma rregolati mill-BPVG jikkonċernaw l-applikazzjoni tar-Regolament Nru 883/2004, għaliex jistrieħu fuq dispożizzjonijiet ġuridiċi tal-Istat Membru inkwistjoni li jirrigwardaw il-fergħa jew l-iskema ta' sigurtà soċjali tal-benefiċċji tax-xjuħija u li, barra minn hekk, il-BPVG kienet ġiet innotifikata kollha kemm hi mill-Prinċipat tal-Liechtenstein skont l-Artikolu 9(1) tar-Regolament Nru 883/2004.

18. Madankollu, dejjem skont il-qorti tar-rinviju, ma jistax jiġi eskluż li, indipendentement mill-appartenenza tagħha għall-kategorija tal-iskemi ta' pensjoni kkordinati, ikkonfermata min-notifika msemmija iktar 'il fuq, l-iskema ta' pensjoni professjonali tal-Liechtenstein ma tistax tiġi kkunsidrata bħala "ekwivalenti" minħabba l-possibbiltajiet li toffri lill-assigurati sabiex jiġġestixxu b'mod awtonomu l-iskema tal-pensjoni tagħhom stess u lanqas il-fatt li jiġi inkluż il-kumpless ta' benefiċċji mħallsin minn dik l-iskema ta' pensjoni fil-bażi ta' kontribuzzjoni tal-assigurazzjoni għall-mard Awstrijaka ma għandu jiġi kkunsidrat, fid-dritt tal-Unjoni, bħala ostakolu għall-eżerċizzju tal-moviment liberu.

19. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Verwaltungsgerichtshof (qorti amministrattiva) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"L-Artikolu 5 tar-Regolament [Nru 883/2004] għandu, fid-dawl tal-Artikolu 45 TFUE, jiġi interpretat fis-sens li pensjonijiet tax-xjuħija taħt sistema ta' pensjoni professjonali (li, bħas-sistema inkwistjoni ta' pensjoni taż-'żewġ pilastri' f'Liechtenstein, ġiet stabbilita u hija ggarantita mill-Istat, u li għandha bħala għan li tippermetti l-assigurat jissokta bil-livell ta' għajxien abitwali tiegħu b'mod xieraq, li topera skont il-prinċipju ta' kapitalizzazzjoni, li hija essenzjalment obbligatorja iżda li tista' wkoll tipprevedi kontribuzzjonijiet li jeċċedu l-minimu legali kif ukoll benefiċċji ogħla, li l-implementazzjoni tagħha hija r-responsabbiltà ta' istituzzjoni tas-sigurtà soċjali stabbilita jew użata mill-persuna li timpjega) u pensjonijiet tax-xjuħija taħt pensjoni legali (li, bħas-sistema Awstrijaka inkwistjoni, hija wkoll stabbilita u ggarantita mill-Istat, u li għandha bħala għan li tippermetti l-assigurat jissokta bil-livell ta' għajxien abitwali tiegħu b'mod xieraq, iżda li topera skont il-prinċipju ta' kontribuzzjonijiet diretti, li hija obbligatorja u li l-implementazzjoni tagħha hija r-responsabbiltà ta' organu tal-pensjonijiet tax-xjuħija stabbilit mil-liġi) huma benefiċċji 'ekwivalenti' fis-sens ta' din id-dispożizzjoni?"

## II – **Il-kunsiderazzjonijiet tiegħi**

20. Qabel ma neżamina d-domanda li għamlet il-qorti tar-rinviju, l-ewwel nett għandha tiġi solvuta l-kwistjoni li jiġi vverifikat jekk il-pensjonijiet tax-xjuħija mħallsin mill-fond ta' pensjoni Hilti tal-iskema ta' pensjoni professjonali tal-Liechtenstein jidħlux fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tar-Regolament Nru 883/2004.

### A – *Fuq l-inklużjoni tal-iskema ta' pensjoni professjonali tal-Liechtenstein fil-kamp ta' applikazzjoni ratione materiae tar-Regolament Nru 883/2004*

21. Skont A. Knauer, l-iskema ta' pensjoni professjonali tal-Liechtenstein tikkostitwixxi, kemm fl-element legali minimu tagħha kif ukoll fil-parti komplementari tagħha, mhux skema legali ta' sigurtà soċjali li taqa' taħt ir-Regolament Nru 883/2004, imma skema komplementari ta' pensjoni li għaliha għandhom japplikaw esklużivament id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 98/49/KE, tad-29 ta' Ġunju 1998, dwar is-salvagwardja tad-drittijiet tal-pensjoni supplimentari ta' persuni impjegati u dawk li jaħdmu għal rashom li jiċċaqilqu fi ħdan il-Komunità [8]. A. Knauer jenfasizza partikolarment li l-idea ta' solidarjetà hija preżenti f'din l-iskema b'mod dgħajjef biss, liema skema taħdem skont il-prinċipju ta' kapitalizzazzjoni, li l-livell ta' kopertura offrut imur ferm 'il bogħod minn dak iggarantit mill-assigurazzjoni tax-xjuħija u tas-superstiti bażi, li jiġi ffrankat il-kapital meħtieġ għall-ħlas tal-benefiċċji, li huwa pprovdut permezz ta' korpi rregolati mid-dritt privat, u li l-imsemmija skema ma hijiex obbligatorja ħlief għal parti tal-ħaddiema impjegati.

8 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 323.

22. Filwaqt li, barra minn hekk, ġie rrikonoxxut, b'riferiment għas-sentenza Beerens[9], li l-benefiċċji kollha mħallsin skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali li kienet ġiet innotifikata skont l-Artikolu 9(1) tar-Regolament Nru 883/2004 għandhom jiġu kkwalifikati bħala "benefiċċji tas-sigurtà soċjali" li jirrigwardaw obbligatorjament il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament, A. Knauer isostni li n-notifika ma tirrigwardax il-parti li tikkorrispondi għall-benefiċċji pprovduti taħt il-kontribuzzjonijiet mħallsin li jaqbżu l-obbligu legali, li l-kontenut tiegħu ma ġiex ippreċiżat fil-BPVG. Fil-fehma tiegħu, dawn il-benefiċċji huma benefiċċji kuntrattwali jew regolamentari li ma jitħallsux bis-saħħa tal-liġi.

23. Mingħajr ma jkun meħtieġ li jsir eżami iktar 'il quddiem tad-distinzjoni bejn l-iskemi legali ta' sigurtà soċjali u l-iskemi komplementari[10], biżżejjed li jiġi kkonstatat li, skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, minkejja li l-fatt li liġi jew leġiżlazzjoni nazzjonali ma tkunx issemmiet fid-dikjarazzjoni ma jistax, minnu nnifsu, jistabbilixxi li din il-liġi jew din il-leġiżlazzjoni ma taqax taħt is-sistema ta' koordinazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali, għall-kuntrarju, iċ-ċirkustanza li Stat Membru semma liġi fid-dikjarazzjoni tiegħu għandha tiġi ammessa bħala li tistabbilixxi li l-benefiċċji mogħtija fuq il-bażi ta' din il-liġi huma benefiċċji tas-sigurtà soċjali[11].

24. Issa, kemm fid-dikjarazzjoni magħmula skont l-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71, tal-14 ta' Ġunju 1971, dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-siġurtà soċjali għall-persuni impjegati, għall-persuni li jaħdmu għal rashom u l-membri tal-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità[12], kif ukoll dik innotifikata skont l-Artikolu 9(1) tar-Regolament Nru 883/2004[13], il-Prinċipat tal-Liechtenstein semma mhux biss l-ewwel pilastru, li jikkorrispondi għal-liġi fuq l-assigurazzjoni tax-xjuħija u tas-superstiti (Gesetz über die Alters- und Hinterlassenerversicherung), tal-14 ta' Diċembru 1952[14], imma wkoll it-tieni pilastru, li jinkludi, b'mod partikolari, il-BPVG.

25. Billi d-dikjarazzjoni dwar il-BPVG ma fiha l-ebda eċċezzjoni dwar ċerti benefiċċji, il-benefiċċji kollha mogħtija fuq il-bażi ta' din il-leġiżlazzjoni għandhom jiġu kkunsidrati bħala benefiċċji ta' sigurtà soċjali fis-sens tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni applikabbli fil-qasam tal-koordinazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali.

26. Għalhekk, għandu jiġi vverifikat jekk dik il-leġiżlazzjoni tmurx kontra l-inklużjoni tal-pensjonijiet tax-xjuħija mħallsin mill-fond ta' pensjoni Hilti tal-iskema ta' pensjoni professjonali tal-Liechtenstein fil-bażi tal-kontribuzzjonijiet ta' assigurazzjoni għall-mard imħallsin mill-assigurat imsieħeb fl-iskema tal-assigurazzjoni għall-mard Awstrijaka.

### B – *Dwar l-ekwivalenza bejn il-pensjonijiet tax-xjuħija mħallsin mis-sistema ta' pensjoni professjonali tal-Liechtenstein u l-pensjoni tax-xjuħija mħallsa mis-sistema legali Awstrijaka*

27. Preliminarjament, għandu jitfakkar li l-Artikolu 30 tar-Regolament Nru 883/2004 jawtorizza lill-istituzzjoni ta' Stat Membru debitriċi ta' pensjoni li tagħmel tnaqqis ta' kontribuzzjonijiet fuq dik il-pensjoni għall-kopertura ta' benefiċċji għall-mard, bil-kundizzjoni li dawn il-benefiċċji jitħallsu minn istituzzjoni ta' dak l-Istat.

9 — 35/77, EU:C:1977:194.

10 — Fuq din id-distinzjoni, nirreferi għall-konklużjonijiet tiegħi tal-lum fil-kawża Il-Kummissjoni vs Malta (C-12/14, pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja).

11 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Martínez Losada *et* (C-88/95, C-102/95 u C-103/95, EU:C:1997:69, punt 21 u l-ġurisprudenza ċċitata).

12 — ĠU 2003, C 127, p. 35.

13 — Dik id-dikjarazzjoni kienet ġiet ippubblikata mill-Kummissjoni Ewropea. Fid-data meta tħejjew dawn il-konklużjonijiet, din hija aċċessibbli fl-indirizz tal-Internet
http://ec.europa.eu/social/keyDocuments.jsp?
advSearchKey=liechtenstein&mode=advancedSubmit&langId=fr&policyArea=&type=0&country=0&year=0.

14 — LGBl. 1952, Nru 29, fil-verżjoni tiegħu applikabbli għad-data tal-fatti inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

28. F'sitwazzjonijiet, bħal dawk ta' A. Knauer u R. Mathis, fejn pensjoni waħda jew iktar jiġu rċevuti minn persuna bis-saħħa tal-leġiżlazzjoni ta' żewġ Stati Membri jew iktar, ir-Regolament Nru 883/2004 jistabbilixxi regoli preċiżi ta' determinazzjoni tal-istituzzjonijiet kompetenti li għandhom obbligu tal-ħlas u l-ispiża tal-benefiċċji *in natura*[15] . Fost dan il-kumpless ta' regoli intiżi biex jiġu evitati l-kumplikazzjonijiet li jistgħu jirriżultaw minn akkumulazzjoni ta' leġiżlazzjonijiet nazzjonali applikabbli hemm, b'mod partikolari, dik li jipprevedi l-Artikolu 23 ta' dak ir-Regolament, li jaddebita l-benefiċċji *in natura* lill-istituzzjoni tal-Istat Membru ta' residenza, sa fejn il-persuna kkonċernata tirċievi pensjoni u jkollha dritt għal dawn il-benefiċċji bis-saħħa tal-leġiżlazzjoni ta' dak l-Istat.

29. Issa, ma huwiex ikkontestat li A. Knauer u R. Mathis għandhom dritt kemm għal pensjoni kif ukoll għal benefiċċji *in natura* skont il-leġiżlazzjoni Awstrijaka u li din tistabbilixxi tnaqqis ta' kontribuzzjonijiet. Għaldaqstant, il-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 30 tar-Regolament Nru 883/2004 għall-ġbir tal-kontribuzzjonijiet huma ssodisfatti.

30. Jibqa' biex jiġi ddeterminat jekk dan il-ġbir jistax isir mhux biss mill-pensjoni tax-xjuħija Awstrijaka, imma ukoll mill-pensjonijiet tax-xjuħija mħallsin mill-iskema ta' pensjoni professjonali tal-Liechtenstein.

31. F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li billi r-Regolament Nru 883/2004 jikkostitwixxi biss strument ta' koordinazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet nazzjonali li mhux intiż biex jarmonizzahom[16], l-Istati Membri jibqgħu kompetenti biex jiddeterminaw id-dħul li għandu jiġi kkunsidrat għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet soċjali[17]. Għalhekk, bħala prinċipju, jistgħu jinkludu fil-bażi tal-kontribuzzjonijiet tal-assigurazzjoni għall-mard il-pensjonijiet ta' rtirar imħallsin minn Stati Membri oħrajn tal-Unjoni jew taż-ŻEE[18].

32. Madankollu, huwa importanti li fl-eżerċizzju tal-kompetenzi tagħhom, l-Istati Membri jirrispettaw id-dritt tal-Unjoni[19].

33. L-Artikolu 30 tar-Regolament Nru 987/2009 jistabbilixxi limitu espress meta jistitwixxi limitu massimu fuq il-kontribuzzjonijiet ibbażati fuq il-pensjonijiet kollha mħallsin, stabbilit fl-ammont li jitnaqqas mingħand persuna li tirċievi pensjoni tal-istess ammont li tkun ġejja mill-Istat Membru kompetenti. Għalhekk, il-ġbir ta' kontribuzzjonijiet ibbażati fuq pensjonijiet imħallsin minn diversi Stati Membri huwa limitat fl-ammont tiegħu. Huwa limitat ukoll fil-prinċipju stess tiegħu?

34. Kif ġustament tenfasizza l-qorti tar-rinviju, limitazzjoni bħal dik tista' tirriżulta mill-applikazzjoni tal-prinċipju ta' assimilazzjoni ta' benefiċċji, ta' dħul, ta' fatti jew ta' avvenimenti previst fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 883/2004.

35. Għalkemm il-persuni kkonċernati kollha msemmija fl-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea li ppreżentaw osservazzjonijiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jaqblu biex jirrikonoxxu l-applikabbiltà ta' dan il-prinċipju, huma ma jaqblux radikalment dwar il-kwistjoni jekk benefiċċji tax-xjuħija bħal dawk li jaqgħu taħt il-BPVG u l-ASVG rispettivament għandhomx jitqiesu bħala ekwivalenti.

36. Għall-Fond, tabilħaqq teżisti ekwivalenza bejn il-pensjoni tal-irtirar legali Awstrijaka u l-pensjonijiet imħallsin mill-iskemi ta' pensjoni professjonali tal-Liechtenstein. Huwa jsostni, f'dan is-sens, li s-sistema Awstrijaka hija ġestita b'mod li l-assigurat jista' jżomm il-livell ta' għajxien abitwali tiegħu permezz tal-benefiċċji legali tal-ewwel pilastru biss, filwaqt li, fil-Liechtenstein, dan il-livell ta'

15 — Dawn ir-regoli qegħdin fl-Artikoli 23 sa 28 ta' dan ir-regolament.

16 — Ara s-sentenza Derouin (C-103/06, EU:C:2008:185, punt 20 u l-ġurisprudenza ċċitata).

17 — *Ibidem* (punt 24).

18 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Nikula (C-50/05, EU:C:2006:493, punti 24 u 25).

19 — *Ibidem* (punt 24 u l-ġurisprudenza ċċitata).

benefiċċji huwa assigurat mit-tieni pilastru, li għandu rwol essenzjali, mentri l-ewwel pilastru jservi biss biex jiżgura minimu għall-għajxien. Barra minn hekk, il-kontribuzzjonijiet lill-iskema legali Awstrijaka huma tliet darbiet ogħla minn tal-Liechtenstein. Il-Fond isostni wkoll li l-BPVG tipprevedi obbligu ta' sħubija fi skema ta' pensjoni professjonali u li fiha hemm regoli ċari u preċiżi dwar l-ammont tal-kontribuzzjonijiet, in-natura tal-benefiċċji assigurati kif ukoll ir-regoli ta' organizzazzjoni u l-kontroll tal-funzjonament tal-istituzzjonijiet ta' previdenza li jmexxu dawn l-iskemi. Huwa jżid jgħid li r-regoli japplikaw ukoll għall-parti tal-iskema professjonali li tmur lil hinn mill-benefiċċji legali minimi, b'mod li l-"libertà kuntrattwali" tal-istituzzjonijiet ta' previdenza hija estremament limitata. Bl-istess mod, il-ħaddiem individwali ma jkollux il-libertà li jidħol f'tali skema u lanqas li jiddetermina l-kontenut tagħha. Il-Fond jispeċifika li l-kunċett ta' benefiċċji "li jmorru lil hinn mill-obbligi legali" jinkludi mhux biss benefiċċji fakultattivi komplementari, imma wkoll il-benefiċċji mħallsin għall-kontribuzzjonijiet magħmulin qabel l-obbligu legali. Hija tenfasizza li l-kontribuzzjonijiet imħallsin skont il-BPVG jirċievu l-istess trattament fiskali bħall-kontribuzzjonijiet imħallsin għall-assigurazzjoni obbligatorja skont l-ASVG fl-Awstrija. Fl-aħħar nett jirrileva li l-ASVG tistabbilixxi li, fil-każ ta' sħubija fi skema ta' pensjoni supplimentari fakultattiva, għandhom jiġu rċevuti kontribuzzjonijiet fuq il-benefiċċji mħallsin minn tali skema wkoll. Fil-fatt, il-Fond jikkonkludi li jekk ma jitqisux il-benefiċċji li l-ħaddiema transkonfinali jirċievu minħabba l-attività li eżerċitaw fil-Liechtenstein dan ikun ifisser inugwaljanza fit-trattament fil-konfront tal-persuni li eżerċitaw l-attività professjonali tagħhom esklużivament fit-territorju nazzjonali.

37. Iżda skont A. Knauer il-benefiċċji mħallsin mill-iskema ta' pensjoni Awstrijaka ma humiex ekwivalenti għal dawk imħallsin mill-iskema ta' pensjoni professjonali tal-Liechtenstein, peress li hemm differenzi strutturali multipli bejniethom. Minbarra l-argumenti mressqin qabel fil-kuntest tal-eżami tal-kwistjoni jekk l-iskema ta' pensjoni professjonali tal-Liechtenstein taqax fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tar-Regolament Nru 883/2004 [20], A. Knauer josserva, b'mod partikolari, li din l-iskema hija mfassla fuq l-iskema ta' pensjoni professjonali Svizzera li hija kkaratterizzata, b'mod partikolari, mill-awtonomija li għandhom l-istituzzjonijiet ta' previdenza, li jistgħu jkunu rregolati mid-dritt privat, fl-organizzazzjoni tagħhom, fil-finanzjament tagħhom u fl-amministrazzjoni tagħhom kif ukoll mill-prinċipji ta' kapitalizzazzjoni u ta' ekwivalenza, li jfisser li l-ammont tal-benefiċċji huwa ddeterminat skont dak tal-kontribuzzjonijiet.

38. Il-Gvern Awstrijak kif ukoll l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-Assoċjazzjoni Ewropea għall-Kummerċ Ħieles (EFTA) jsostnu li kontribuzzjonijiet imħallsin minn Stat Membru għandhom jiġu kkunsidrati bħala ekwivalenti għal dawk imħallsin minn Stat Membru ieħor meta kemm l-ewwel tip ta' kontribuzzjonijiet kif ukoll it-tieni tip ta' kontribuzzjonijiet jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-sistema ta' koordinazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali.

39. Il-Kummissjoni tipproponi li tinterpreta l-kunċett ta' benefiċċji "ekwivalenti" bl-istess mod bħal dak ta' benefiċċji "ta' l-istess tip", li hemm fl-Artikolu 53(1) tar-Regolament Nru 883/2004. Għalhekk, benefiċċji tas-sigurtà soċjali għaldaqstant ikollhom jiġu kkunsidrati bħala ekwivalenti meta l-oġġettiv u l-għan finali tagħhom kif ukoll il-bażi ta' kalkolu tagħhom u l-kundizzjonijiet tal-għoti tagħhom ikunu identiċi.

40. Qabel ma nevalwa l-mertu tal-argumenti differenti involuti sabiex tingħata risposta għad-domanda li għamlet il-qorti tar-rinviju, għandu jiġi eżaminat l-għan tal-prinċipju ta' assimilazzjoni tal-benefiċċji previst fl-Artikolu 5(a) tar-Regolament Nru 883/2004 u s-sens speċifiku li għandu jingħata lill-kunċett ta' ekwivalenza fil-kuntest ta' dik id-dispożizzjoni.

20 — Punt 21 ta' dawn il-konklużjonijiet.

41. Kif jirriżulta mill-premessa 9 tar-Regolament Nru 883/2004, l-Artikolu 5 ta' dan ir-regolament huwa kodifikazzjoni ta' ġurisprudenza kkonsolidata li stabbilixxiet il-prinċipju ta' assimilazzjoni tal-fatti bħala l-espressjoni partikolari tal-prinċipju ġenerali ta' nondiskriminazzjoni, applikat fil-qasam speċifiku tal-koordinament tal-leġiżlazzjonijiet tas-sigurtà soċjali. Skont dik il-ġurisprudenza, sabiex jiġi ggarantit l-eżerċizzju effettiv tad-dritt għall-moviment liberu, jeħtieġ li sitwazzjonijiet li seħħew fi Stat Membru jiġu ttrattati bl-istess mod daqslikieku seħħew fl-Istat Membru fejn tapplika l-leġiżlazzjoni tiegħu.

42. Madankollu, filwaqt li, skont dan il-kunċett tradizzjonali, il-prinċipju ta' assimilazzjoni kien preżenti fil-proposta inizjali tal-Kummissjoni [21] bħala varjazzjoni partikolari tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament [22], il-leġiżlatur tal-Unjoni fl-aħħar kien ippreskrivieh f'artikolu awtonomu fejn wieħed jista' jimmaġina li fih potenzjalitajiet ġodda li se tkun il-ġurisprudenza li tiżvelahom [23].

43. Dan l-artikolu jinqasam f'żewġ punti, l-ewwel wieħed jistabbilixxi l-assimilazzjoni tal-benefiċċji kif ukoll tad-dħul l-ieħor u t-tieni wieħed l-assimilazzjoni tal-fatti jew tal-avvenimenti.

44. L-ewwel nett għandu jiġi rrilevat li l-prinċipju ddikjarat fl-Artikolu 5(b) tar-Regolament Nru 883/2004, li jagħti lill-fatti jew lill-avvenimenti li jseħħu fi Stat Membru ieħor l-istess effetti ġuridiċi li jiġu prodotti minn fatti jew minn avvenimenti "simili" li seħħew fl-Istat Membru fejn tapplika l-leġiżlazzjoni tiegħu, ma jidhirlix li għandu japplika f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tistieden li jsir paragun bejn żewġ benefiċċji. Din ir-regola ta' assimilazzjoni tal-"fatti jew każijiet [avvenimenti]" tidher, madankollu, li tikkorrispondi mal-applikazzjonijiet ġurisprudenzjali l-iktar kurrenti tal-ħtieġa ta' assimilazzjoni bħala estensjoni tal-ugwaljanza fit-trattament.

45. Fil-fatt, fil-ġurisprudenza nsibu diversi ipoteżijiet fejn, għall-finijiet tal-intitolament, taż-żamma jew tal-estensjoni tad-dritt għall-benefiċċji ta' sigurtà soċjali jew għall-finijiet tal-kalkolu tagħhom, perijodi mgħoddija fi Stat Membru ieħor jiġu assimilati ma' dawk mgħoddija fl-Istat Membru fejn huma mitlubin il-benefiċċji.

46. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li għandha effett li tiddiswadi lill-ħaddiema migranti milli jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' moviment liberu leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-kundizzjonijiet ta' għoti ta' pensjoni ta' invalidità li tipprevedi estensjoni f'ċerti ċirkustanzi, bħall-mard jew il-qgħad, tal-perijodu ta' riferiment li jippreċedi l-okkorrenza tal-invalidità, li matula l-assigurat irid ikun ħallas numru minimu ta' kontribuzzjonijiet biex ikun jista' jkollu dritt li jingħata pensjoni, filwaqt li tali possibbiltà ma hijiex possibbli meta ċ-ċirkustanzi li jippermettu l-estensjoni jiġru fi Stat Membru ieħor [24].

47. Bl-istess mod, hija ddeċidiet li, meta l-benefiċċju tal-orfni jiġi estiż lil hinn minn ċertu età lill-benefiċjarji li l-edukazzjoni tagħhom ġiet interrotta biex jaqdu s-servizz militari, is-servizz militari li ngħata fi Stat Membru ieħor għandu jiġi assimilat mas-servizz militari mogħti fl-Istat Membru fejn tapplika l-leġiżlazzjoni tiegħu [25].

21 — Proposta għal Regolament (KE) tal-Kunsill dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali [COM(1998) 779 finali].

22 — Ara l-Artikolu 3(2) u (3) ta' din il-proposta.

23 — Ara, b'mod partikolari, għall-analiżi ta' dan l-artikolu l-ġdid, P. Mavridis, "L'assimilation des faits en droit communautaire: un nouveau principe?", *Revue de droit sanitaire et social*, Nru 4, 2011, p. 629, u N. Rennuy, "Assimilation, territoriality and reverse discrimination: a shift in European social security law?", *European journal of social law*, Nru 4, 2011, p. 289.

24 — Sentenza Paraschi (C-349/87, EU:C:1991:372, punti 22 sa 27).

25 — Sentenza Mora Romero (C-131/96, EU:C:1997:317, punt 36).

48. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li leġiżlazzjoni nazzjonali ma setgħetx tassimila, kundizzjonalment, il-perijodi ddedikati għall-edukazzjoni tat-tfal, li jgħaddu fi Stat Membru ieħor, ma' perijodi ta' assigurazzjoni, meta l-ebda kundizzjoni ma kienet tissuġġetta t-teħid inkunsiderazzjoni tal-istess perijodi mgħoddijin fit-territorju nazzjonali għall-kalkolu tal-pensjoni tax-xjuħija [26].

49. Hija applikat ukoll il-prinċipju ta' assimilazzjoni fil-kuntest tal-implementazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' dekadenza jew ta' sospensjoni ta' dritt għall-benefiċċji. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li d-dritt tal-Unjoni ma jipprekludix li Stat Membru jassimila avveniment, bħall-priġunerija, li, jekk jiġri fit-territorju nazzjonali, ikun jikkostitwixxi kawża ta' dekadenza jew ta' sospensjoni tad-dritt għall-benefiċċji, bl-avveniment korrispondenti jipproduċi ruħu fi Stat Membru ieħor [27]. Għalhekk, l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' assimilazzjoni tista' twassal, jekk ikun il-każ, biex terġa' tiġi stabbilita l-ugwaljanza fit-trattament għall-benefiċċju jew għad-detriment tal-persuna kkonċernata.

50. Huwa inqas frekwenti li ssib fil-ġurisprudenza ipoteżijiet li jintrabtu mal-prinċipju ta' assimilazzjoni tal-benefiċċji u tad-dħul l-ieħor, stabbilit fl-Artikolu 5(a) tar-Regolament Nru 883/2004.

51. Madankollu, jidher li jistgħu jintrabtu tliet sentenzi ma' dawn l-ipoteżijiet. L-ewwel nett, jirriżulta mis-sentenza Warry [28] li, meta l-leġiżlazzjoni nazzjonali tissuġġetta d-dritt għall-benefiċċji ta' invalidità għad-dritt għall-benefiċċji tal-mard, għandha tiġi kkunsidrata ċ-ċirkustanza li l-persuna kkonċernata kienet tibbenefika mid-dritt għal dawn il-benefiċċji tal-aħħar fi Stat Membru ieħor daqslikieku kienet ibbenefikat minnhom fl-Istat Membru li tapplika l-leġiżlazzjoni tiegħu. Imbagħad, jista' jiġi dedott mis-sentenza Öztürk [29] li leġiżlazzjoni ta' Stat Membru ma tistax tissuġġetta l-intitolament għad-dritt għal pensjoni tax-xjuħija antiċipata minħabba qgħad għall-kundizzjoni li l-persuna kkonċernata kienet ibbenefikat, matul ċertu perijodu ta' qabel it-talba għal pensjoni, minn benefiċċji tal-assigurazzjoni għall-qgħad ta' dak l-Istat Membru biss, filwaqt li l-istess benefiċċji rċevuti minn Stat Membru ieħor ma jiġux ikkunsidrati. Fl-aħħar nett, fis-sentenza Klöppel [30], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li leġiżlazzjoni nazzjonali li kienet tipprevedi estensjoni tal-ħlas tal-allowance għall-kura tat-tfal meta t-tieni ġenitur jirċievi wkoll din l-allowance ma setgħetx tirrifjuta li jitqies il-ħlas ta' benefiċċju "komparabbli" fi Stat Membru ieħor. Sa fejn il-premessa 9 tar-Regolament Nru 883/2004 jippreċiża li l-prinċipju ta' assimilazzjoni għandu jiġi adottat espressament u żviluppat, "skond is-sustanza u l-ispirtu ta' deċiżjonijiet legali", jiena ninterpreta l-Artikolu 5 ta' dan ir-regolament skont il-ġurisprudenza preċedenti, minn fejn jirriżulta tagħlim ta' prinċipju.

52. Jiena nqis li l-Qorti tal-Ġustizzja ma ddefinixxietx kriterji partikolari ta' differenzjazzjoni u b'hekk ippermettiet ċerta flessibbiltà fl-implementazzjoni tal-prinċipju ta assimilazzjoni. Din il-flessibbiltà awtorizzata mill-ġurisprudenza ma tpoġġietx fid-dubju mil-leġiżlatur tal-Unjoni, li ħa ħsieb japprova l-*acquis* ġurisprudenzjali. Jiena tal-fehma li, fin-nuqqas ta' kriterji ġurisprudenzjali jew legali elenkati b'mod preċiż, il-prinċipju ta' assimilazzjoni jfisser l-użu ta' metodu komparattiv analogu għal dak tal-ekwivalenza funzjonali magħrufa sew fid-dritt komparattiv [31], li jikkonsisti fir-riċerka, lil hinn mid-differenzi formali, mhux biss ta' identità kompleta ta' natura bejn il-benefiċċji inkwistjoni, imma analoġija funzjonali. F'dan ir-rigward, hija sinjifikattiva, is-sentenza Klöppel [32] li tillimita ruħha biex tirrileva li l-allowance tal-edukazzjoni fil-Ġermanja hija "komparabbli" mal-allowance tal-kura tat-tfal fl-Awstrija, mingħajr ma tindaga jekk iż-żewġ benefiċċji għandhomx eżattament l-istess karatteristiċi.

26 — Sentenza Kauer (C-28/00, EU:C:2002:82). Ara, ukoll, is-sentenza Elsen (C-135/99, EU:C:2000:647), fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-istituzzjoni kompetenti ta' Stat Membru għandha l-obbligu li tieħu inkunsiderazzjoni, għall-finijiet tal-għoti ta' pensjoni tax-xjuħija, il-perijodi ddedikati għall-edukazzjoni ta' tifel jew tifla, li jkunu għaddew fi Stat Membru ieħor, daqslikieku dawk il-perijodi kienu għaddew fit-territorju nazzjonali.

27 — Sentenza Kenny (1/78, EU:C:1978:140).

28 — 41/77, EU:C:1977:177.

29 — C-373/02, EU:C:2004:232.

30 — C-507/06, EU:C:2008:110.

31 — Ara, b'mod partikolari, S. Godechot-Patris, "Retour sur la notion d'équivalence au service de la coordination des systèmes", *Revue critique de droit international privé*, 2010, p. 271.

32 — C-507/06, EU:C:2008:110.

53. Ir-raġunament f'termini ta' ekwivalenza funzjonali jġib miegħu konsegwenza doppja.

54. Fl-ewwel lok, ma huwiex meħtieġ li, għall-interpretazzjoni tal-kunċett ta' benefiċċji "ekwivalenti", fis-sens tal-Artikolu 5(a) tar-Regolament Nru 883/2004, jiġu applikati l-kriterji stretti meħtieġa għall-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "benefiċċji ta' l-istess tip", skont l-Artikoli 10, 53 u 54 ta' dak ir-regolament. Barra minn hekk, kieku l-leġiżlatur tal-Unjoni ried jirreferi għal dawn il-kriterji ġurisprudenzjali, kien juża, għall-applikazzjoni tal-prinċipju ta' assimilazzjoni, il-kwalifikazzjoni diġà użata għall-applikazzjoni tar-regoli antikumulu, iktar milli joħloq kunċett ġdid. Fl-aħħar nett, il-kunċett ta' benefiċċji ekwivalenti, li jistrieħ fuq kriterji iktar flessibbli, jidhirli li huwa usa' minn dak ta' benefiċċju tal-istess tip [33].

55. Fit-tieni lok, il-kunċett ta' ekwivalenza użat fl-Artikolu 5(a) tar-Regolament Nru 883/2004 ma jidhirlix li għandu jiġi interpretat b'mod iktar strett minn dak tal-fatt jew avveniment "simili" msemmi fil-paragrafu (b) ta' dak l-artikolu [34]. Fiż-żewġ ipoteżijiet previsti mil-leġiżlatur tal-Unjoni, ir-rekwiżit ta' assimilazzjoni ma jfissirx identiċità stretta li għandha bħala konsegwenza li tnaqqas kunsiderevolment il-portata tal-prinċipju.

56. Għal liema konklużjoni jwassal il-metodu tal-ekwivalenza funzjonali fil-każ tal-paragun ta' benefiċċji tax-xjuħija bħal dawk li jaqgħu taħt il-BPVG u l-ASVG rispettivament?

57. Jiena ma naħsibx li l-inklużjoni tal-benefiċċji tal-BPVG fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tar-Regolament Nru 883/2004 tista', waħedha, tagħtihom in-natura ta' benefiċċji ekwivalenti. Minbarra li soluzzjoni bħal dik tiżvojta mill-portata tiegħu r-rekwiżit ta' ekwivalenza li għalih hija suġġetta l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' assimilazzjoni, id-determinazzjoni ta' dan il-kamp ta' applikazzjoni jiddependi mill-karatteristiċi purament formali [35] li ma għandhomx jiġu kkunsidrati bħala elementi rilevanti għall-evalwazzjoni tal-ekwivalenza bejn il-benefiċċji.

58. L-element determinati jikkonsisti fil-kwistjoni ta' jekk, sabiex ikun hemm tqassim ekwu bejn il-pensjonanti – tkun xi tkun l-oriġini tal-pensjoni tagħhom – tal-ispiża tal-finanzjament tal-assigurazzjoni għall-mard, il-benefiċċji tax-xjuħija li jaqgħu taħt il-BPVG jikkorrispondux għal bażi paragunabbli ma' dik ikkostitwita mill-benefiċċji tal-ASVG.

59. Biex nirrispondi din id-domanda, biżżejjed li wieħed jitlaq mill-konstatazzjoni li s-sistemi ta' rtirar Awstrijaka u tal-Liechtenstein għandhom differenza fundamentali sa fejn jagħtu lill-ewwel u lit-tieni pilastri dimensjonijiet differenti ħafna. Fil-fatt, skont il-qorti tar-rinviju, is-sistema ta' rtirar tal-Liechtenstein hija kkaratterizzata minn arkitettura fi tliet pilastri fejn l-ewwel wieħed għandu esklużivament bħala għan li jsostni l-bżonnijiet tal-ħajja tal-irtirati, filwaqt li l-iskemi professjonali li jaqgħu taħt it-tieni pilastru huma limitati biex jippermettu li jiggarantixxu lill-assigurat li jżomm il-livell ta' għajxien abitwali tiegħu. Għall-kuntrarju, fis-sistema ta' rtirar Awstrijaka, il-firxa tal-kopertura li joffri l-ewwel pilastru hija ferm ikbar, għaliex l-għan tal-pensjoni tax-xjuħija tal-ASVG huwa li l-assigurat ikun jista' jżomm il-livell tal-għajxien abitwali tiegħu.

60. Għalhekk, fir-rigward tad-determinazzjoni tal-bażi tal-kontribuzzjonijiet – u minn dan l-aspett biss – il-pensjonijiet barranin li jissodisfaw funzjonalment l-istess għan li jippermettu lill-assigurat li jżomm il-livell ta' għajxien abitwali tiegħu għandhom jiġu kkunsidrati bħala analogi għal dawk tal-ASVG. Il-fatt li l-iskema ta' pensjoni professjonali tal-Liechtenstein fiha diversi karatteristiċi distinti mill-iskema ta' pensjoni Awstrijaka ma tistax tiġġustifika konklużjoni differenti. B'mod partikolari, la

33 — Għalhekk ma nistax neskludi li l-benefiċċji li ma jkunux tal-istess tip, bħal pensjoni tax-xjuħija u pensjoni tas-superstiti, li huma kkalkulati fuq il-bażi ta' perijodi ta' assigurazzjoni mgħoddija minn persuni differenti (ara f'dan is-sens, is-sentenza Cordelle, C-366/96, EU:C:1998:57), jitqiesu bħala ekwivalenti funzjonali, b'mod partikolari meta jiġu inklużi fil-bażi ta' kontribuzzjonijiet soċjali.

34 — Ara, f'dan is-sens, N. Rennuy, *op. cit.*, li jikkunsidra li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha "tirreżisti t-tentazzjoni" li tagħmel distinzjoni bejn iż-żewġ kunċetti (punt 1, p. 298 u 299).

35 — Dawn il-karatteristiċi jirrigwardaw is-sors legali tal-benefiċċji jew it-tismija tagħhom fid-dikjarazzjoni magħmula mill-Istat Membru tal-Unjoni jew taż-ŻEE b;applikazzjoni tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament Nru 883/2004.

l-fatt li l-iskema Awstrijaka tiffunzjona skont il-prinċipju ta' tqassim, filwaqt li dik tal-Liechtenstein tistrieħ fuq il-prinċipju ta' kapitalizzazzjoni, u lanqas il-possibbiltajiet mħollija lill-benefiċjarji tal-benefiċċji tal-BPVG li jiġġestixxu b'mod awtonomu l-iskema ta' pensjoni tagħhom ma jikkostitwixxu elementi rilevanti sabiex tiġi pparagunata l-bażi tal-kontribuzzjonijiet.

61. Fl-aħħar mill-aħħar, jiena nikkunsidra li l-Artikolu 5(a) tar-Regolament Nru 883/2004 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix li, għad-determinazzjoni tal-bażi tal-kontribuzzjonijiet ta' assigurazzjoni għall-mard applikati fl-Istat Membru ta' residenza tal-benefiċjarju ta' pensjonijiet dovuti skont il-leġiżlazzjoni ta' żewġ Stati Membri jew iżjed, jitqiesu bħala ekwivalenti għall-benefiċċji tax-xjuħija mħallsin bis-saħħa tal-iskema legali bażi tal-Istat Membru ta' residenza, u, għaldaqstant, inklużi f'din il-bażi l-benefiċċji tax-xjuħija mħallsin minn skema ta' pensjoni professjonali komplementari ta' Stat Membru ieħor tal-Unjoni jew taż-ŻEE, imsemmi fid-dikjarazzjoni magħmula minn dan l-Istat b'applikazzjoni tal-Artikolu 9(1) ta' dan ir-regolament, peress li, bħall-pensjonijiet rċevuti fl-Istat Membru ta' residenza, huma intiżi biex jiżguraw li l-benefiċjarji tagħhom iżommu livell ta' għajxien bħal dak li kienu jgawdu qabel l-irtirar tagħhom.

## III – **Konklużjoni**

62. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej id-domanda preliminari magħmula mill-Verwaltungsgerichtshof (qorti amministrattiva):
L-Artikolu 5(a) tar-Regolament Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix li, għad-determinazzjoni tal-bażi tal-kontribuzzjonijiet ta' assigurazzjoni għall-mard applikati fl-Istat Membru ta' residenza tal-benefiċjarju ta' pensjonijiet dovuti skont il-leġiżlazzjoni ta' żewġ Stati Membri jew iżjed, jitqiesu bħala ekwivalenti għall-benefiċċji tax-xjuħija mħallsin bis-saħħa tal-iskema legali bażi tal-Istat Membru ta' residenza, u, għaldaqstant, inklużi f'din il-bażi, benefiċċji tax-xjuħija mħallsin minn skema professjonali komplementari ta' Stat Membru ieħor tal-Unjoni jew taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), imsemmi fid-dikjarazzjoni magħmula minn dan l-Istat b'applikazzjoni tal-Artikolu 9(1) ta' dan ir-regolament, peress li, bħall-pensjonijiet rċevuti fl-Istat Membru ta' residenza, huma intiżi biex jiżguraw li l-benefiċjarji tagħhom iżommu livell ta' għajxien bħal dak li kienu jgawdu qabel l-irtirar tagħhom.